MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 777/2009

**Carmelo Scerri u Mark Scerri**
**ID. 171948M u ID 117777M**

**Vs**

**Ta' Dernis Limited**
**C 45644**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2009 fejn l-atturi talbu thallas lill-atturi, fi zmien perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti s-somma ta' tlett elef u hamsa u erbghin euro (€3,045) liema somma hija dovuta bhala spejjez u drittijiet ta' xoghol ta' qtugh ta' blat, ta' skavar u ta' trasport ta' materjal illi l-atturi ghamlu meta mqabbda mis-socjeta' konvenuta matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu 2007, fil-fond illi jinsab fi Triq Monsinjur Alfons Mqabba, u dan skond kif jidher minn kont mahrug mill-Perit Michael Falzon fil-5 ta' Ottubru, 2007 liema somma s-

socjeta' konvenuta rrifjutat li thallas anke wara illi giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali ezekuttiva numru 6557/07 datata 19 ta' Novembru, 2007.

Bl-imghax legali b'effett mid-data tal-ittra ufficjali ezekuttiva datata 19 ta' Novembru, 2007 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat flimkien ma dan l-avviz.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharka. ta' Novembru,

Is-socjeta' konvenuta pprezentat ir-risposta taghha fit-18 ta' Novembru, 2009 fejn eccepiet illi l-ammont mitlub fl-avviz huma eccessivi u dan peress illi l-esponenti kienet diga halset l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ekwivalenti ghall elf lira maltin (LM1,000) permezz ta' cekk mahrug minn kont bankarju tas-socjeta' konvenuta u in oltre x-xogholijiet ezegwiti gew verifikati u mkejjla mill-Perit William Louis li gie imqabbad mis-socjeta' konvenuta fil-presenza tal-partijiet u l-kont mahrug mill-istess Perit jvarja mill-kont mahrug mill-Perit Michael Falzon li gie nkarigat mill-atturi minghajr konsultazzjoni mas-socjeta' konvenuta;

Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, nonostante mitluba diversi drabi sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom ta' fejn huma rmew il-materjal in kwistjoni, hekk kif huma obbligati jaghmlu, l-atturi baqghu inadempjanti u ghalhekk ma setax jigi verifikat il-hlas pretiz mir-rikorrenti ghall-vjaggi li ghamlu;

Ill apparti minhekk fil-kont mahrug mill-Perit Michael Falzon kien hemm ukoll l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ekwivalenti ghall elf lira maltin (LM1,000) ghall-uzu tal-excavator meta dan qatt ma gie mifthiem bejn il-partijiet;

Illi in oltre jigi rilevat illi l-partijiet kienu diga ftehmu dwar ir-rati tax-xoghol, liema rati ma jinsabux riflessi fil-kont tal-Perit Michael Falzon;

Illi dwar l-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru, 2007 jinghad illi din l-ittra giet ipprezentata kontra Thomas Mifsud u mhux kontra s-socjeta' konvenuta.

Xehed Carmelo Scerri l-attur permezz ta' affidavit spjega illi gew imqabbda mis-socjeta' konvenuta sabiex jaghmlu xoghol ta' skavar u transport ta' materjal. Spjega illi ma setghux jifthemu fuq prezz finali peress illi ma kienux jafu x'hemm u m'hemmx u ghalhekk ftehmu biss fuq mija u tlieta u sittin ewro (€163) ghal kull vjagg. Wara saru l-vjaggi s-socjeta' konvenuta m'accettawx il-karti peress illi qalu li t-terrapien ma ntremiex gewwa barriera. Dan ix-xhud spjega illi kien hemm zewg stimi tal-periti wiehed mill-perit tal-attur Michael Falzon u stima ohra tal-Perit William Lewis imqabbad mill-konvenuti. Spjega illi l-kubacc jikber minhabba expansion u jiehu aktar spazju meta jingar. L-attur jispjega li fadalu jiehu s-somma ta' seba' t'elef tlieta u disghin ewro (€7,093)

Xehed ukoll Mark Scerri permezz ta' affidavit li kkonferma dak li qal missieru. Spjega ukoll illi huma ghandhom zewg trakkijiet wiehed jesa sittax (16)-il jarda u iehor jesa ghoxrin (20) jarda u huma ftehmu prezz wiehed ghaz-zewg trakkijiet. Mentri l-perit tal-konvenuti ikkalkulha bil-hamsa u ghoxrin (25) jarda meta l-atturi ma ghandhomx trakkijiet jesaw hamsa u ghoxrin (25) jarda. Il-perit tal-konvenuti nizzel ukoll il-prezz ta' sittin lira maltin (Lm 60) u cioe' ekkwivalent ghal mija u disgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu (€139.76) kull vjagg mentri l-ftehim kien ta' sebghin lira maltin (Lm 70) u cioe ekkwivalenti ghal mija tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06) kull vjagg. Spjega ukoll illi tal-excavator iccargjaw elf lira maltin (Lm 1,000) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li dan l-ammont qabel Tommy Mifsud izda dan rega bdielu x'hin inhareg il-kont.

L-attur spjega li raw il-konteggi taghhom talbu sabiex t-talba originali tkun tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494) u dan sabiex jibqghu taht il-kompetenza tat-Tribunal.

Xehed Thomas Mifsud rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li qal illi l-ftehim kien ta' sittin Lira Maltin (Lm 60) ) u cioe' ekkwivalent ghal mija u disgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu (€139.76) kull vjagg. Qal illi ma jaqbilx fuq l-excavation u l-ammont mitlub ghalih.

Wara li t-Tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti jikkonsidra illi huwa kaz fejn wiehed irid jirrileva u jara l-veracita tax-xhieda f'dak li qalu. Fuq naha ghandha l-attur jghid illi l-ftehim kien dak ta' sebghin Lira Maltin (Lm 70) u cioe ekkwivalenti ghal mija tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06) kull trakk li jesa ghoxrin (20) jarda. Filwaqt illi r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta jghidu li li ftehim kien fuq sittin Lira Maltin (Lm 70) u cioe ekkwivalenti ghal mija tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06)  kull trakk li jesa hamsa u ghoxrin (25) jarda. Il-partijiet ma jaqblux dwar jekk kienx hemm ftehim dwar l-excavation.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa aktar verosimili dak li qal l-attur li kien konvincenti kif spjega dak li gara meta sar il-hlas. Sfortunatament minkejja li t-Tribunal jaqbel illi l-attur kellu jithallas l-ammont ta' elfejn sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm 2,625) u cioe ekkwivalenti ghal sitt elef mija u sittax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,116.25) kif ukoll elf Lira Maltin (Lm 1,000) u cioe ekkwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li jammontaw ghal tmien t'elef erba' mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,445.62) wara li diga kienu thallsu elf Lira Maltin (Lm 1,000). Dan l-ammont ta' sitt elef mija u sittax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,116.25) ma jistax jikkundanna hlas tieghu peress illi jizarbita l-kompetenza tieghu ghalhekk ser jibqa' fuq it-talba kif redotta mill-attur stess ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06).

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) lill-atturi.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------